IL-VIŻTA PASTORALI
TAL-ISQOF ANTON TEUMA
FID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX



U daħal joqgħod
magħhom

VIŻTA PASTORALI | GĦAWDEX 2024 - 2025

Ottubru 2024 – Mejju 2025



AE 21/2024

"U DAĦAL JOQGĦOD MAGĦHOM" (LQ 24:29)

ITTRA DWAR
IL-VIŻTA PASTORALI
FID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

MILL-E.T. MONS. ANTON TEUMA
ISQOF TA' GĦAWDEX

Mhux dejjem faċli għalina li nagħrfu u nħossu l-preżenza ta' Ġesù, b'mod speċjali meta ngħaddu minn diffikultajiet u problemi.

Alla jimpurtah mill-problemi tagħna

L-istorja tad-dixxipli fil-Vanġelu tal-lum tista' tkun l-istorja tal-familja tagħna. Id-dixxipli kienu qed jitlewmu bejniethom fuq min minnhom kien l-aktar importanti. U Ġesù jinteressah l-inkwiet tagħhom u jistaqsihom: "X'kontu qegħdin titħaddtu bejnietkom fit-triq?" (Mk 9:33). Hija l-istess mistoqsija li Ġesù jagħmel aktar tard liż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws li kienu mexjin lejn darhom, jitħaddtu fuq id-diffikultajiet li kellhom: *"Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom"* (Lq 24:15).

Wara li sema' x'kienu jgħidu bejniethom, hu wkoll beda jgħid tiegħu, u fissrilhom dak li l-Kelma ta' Alla kienet tgħid fuq il-ġrajjiet li kienu jinkwetawhom. Tant kien jagħmel sens dak li qalilhom, li meta qorbu lejn darhom, stednuh biex jgħaddi s'għandhom u jibqa' magħhom: *"U daħal joqgħod magħhom"* (Lq 24:29). U hemm għarfuh waqt li kien jaqsam il-ħobż. U fil-Vanġelu li smajna llum, Ġesù wkoll jitkellem mad-

dixxipli tiegħu fl-intimità tad-dar. **Lil Ġesù nagħrfuh tassew meta nistednuh f'darna u nħalluh isir parti mill-ħajja tal-familja tagħna.**

Fil-Bibbja nsibu l-istorja ta' Alla li jiġri wara l-bniedem

Alla jinteressah minna, minn dak li nħossu u minn dak li jiġrilna. Fil-Bibbja kollha tinħass ix-xewqa ta' Alla li jkun magħna l-bnedmin. Sa mill-bidu nett Alla kien jippassiġġa ma' Adam u Eva fil-ġnien (Ġen 3:8). Alla jsejjaħ nies bħal Abraham, Mosè u l-profeti biex jgħinu lill-poplu jagħraf l-imħabba ta' dan il-Missier għalihom. Għax hu dejjem iħares biex jara, u jissemma' biex jagħraf il-krib tal-familji tagħna (ara Eż 3:7).

Saħansitra jasal li jiġi f'nofsna f'Ġesù biex aħna nkunu nistgħu narawh, immissuh, nisimgħuh u fuq kollox inħossu l-imħabba tiegħu li ssalvana. Bir-raġun il-Papa Franġisku jixtieq li fis-sena tal-Ġublew nirriflettu dwar il-fatt li aħna *pellegrini tat-tama*. **Il-miġja ta' Ġesù fostna mhix għajr l-ogħla wirja tat-tama li għandu l-Missier fina l-bnedmin!**

Il-Vanġeli jgħallmuna li Ġesù jdawlilna l-ġrajjiet ta' ħajjitna bil-Kelma u bl-istorja tiegħu, jieħu ħsiebna tant li wasal li jagħti ħajtu għalina, jagħtina ġismu u demmu bħala ikel li jmantnina. Ġesù huwa l-Għimmanuel – Alla magħna (Mt 1:23). U billi huwa Rxoxt, imqajjem mill-mewt, jibqa' magħna għal dejjem: *"U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien"* (Mt 28:20).

Il-Parroċċa hija l-post fejn illum Ġesù jiltaqa' magħna

Ġesù għadu ħaj magħna llum, tassew u mhux biċ-ċajt! Qiegħed magħna fil-Kelma tal-Vanġelu, fl-imħabba lejn xulxin, speċjalment lejn il-foqra. Qiegħed magħna meta flimkien niċċelebraw il-festa tal-Qaddis jew Qaddisa tal-Parroċċa tagħna. Fuq kollox, qiegħed magħna fil-Qsim tal-Ħobż, fil-Quddiesa!

Għalkemm il-preżenza tiegħu mhix marbuta ma' post jew ma' żmien, Ġesù għażel il-Knisja biex permezz

tagħha jkun preżenti fostna b'mod sħiħ. Il-parroċċi tagħna, bid-difetti tagħhom, huma l-post konkret fejn din il-preżenza ta' Ġesù tista' tinħass u tkompli tikber.

Aktar minn qatt qabel, f'dan iż-"żmien li fih nimxu flimkien" (sinodalità), aħna nagħrfu l-valur u s-sejħa ta' kulħadd fil-Parroċċa. L-Arċipriet jew Kappillan, flimkien mas-saċerdoti u lajċi impenjati, u dawk kollha li jattendu għall-quddiesa, it-tfal tal-katekiżmu, il-gruppi tal-adolexxenti, iż-żgħażagħ, il-gruppi u l-għaqdiet, il-familji kollha li rċevew is-sagramenti, l-anzjani u l-morda kollha tal-lokalità, il-Kattoliċi minn pajjiżi oħra... dawn kollha jiffurmaw il-Parroċċa. Dawn kollha flimkien huma msejħin jgħinu lil xulxin ħalli jagħmlu esperjenza tal-preżenza ta' Ġesù, Saċerdot li jqaddes bil-liturġija, Profeta li jwassal l-aħbar it-tajba, Ragħaj li jieħu ħsieb id-dgħajjef u l-batut.

L-Isqof għandu s-sejħa li jwettaq il-komunitajiet li jemmnu

L-Arċipriet jew Kappillan u s-saċerdoti li jaqdu fil-Parroċċa għandhom is-sejħa li jisimgħu, jilqgħu u jgħinu lil ħuthom, membri tal-komunità parrokkjali, biex jikbru f'din l-esperjenza tal-preżenza ta' Ġesù. U din is-sejħa partikolari tmiss aktar mill-qrib lill-Isqof, li miegħu huma marbuta l-kappillani u s-saċerdoti fit-twettiq tal-ħidma tagħhom.

Għal din ir-raġuni, **sa mill-bidu tal-Knisja l-Isqfijiet kienu jagħmlu Viżta Pastorali fil-komunitajiet Insara, biex jisimgħuhom, jifhmuhom u jgħinuhom jissaħħu bħala dixxipli ta' Ġesù.** Fl-Atti tal-Appostli naqraw kif Pietru, Pawlu, Luqa, Barnaba u Timotju, minn żmien għal żmien, kienu jżuru l-komunitajiet Insara (il-parroċċi primittivi) li huma stess kienu waqqfu.

Matul is-snin, l-Isqfijiet tad-Djoċesi tagħna għamlu l-ħila kollha tagħhom biex minn żmien għal żmien ikunu qrib is-saċerdoti u l-komunitajiet parrokkjali permezz tal-Viżta Pastorali. Hekk, ngħidu aħna, il-Kardinal Mario Grech, meta kien Ragħaj ta' din il-Knisja lokali, għamel il-Viżta Pastorali fil-parroċċi kollha tad-Djoċesi fis-snin 2013-2015.

Il-grazzja ta' Viżta Pastorali oħra

Għalhekk, **minn Ottubru li ġej ser jerġa' jkollna fid-Djoċesi tagħna l-grazzja tal-Viżta Pastorali. Flimkien ma' xi saċerdoti u lajċi ppreparati, ser niġi nżur kull parroċċa tad-Djoċesi għal ġimgħa sħiħa.**

Matul din il-ġimgħa nixtiequ niltaqgħu possibbilment ma' kull min jagħmel parti mill-Parroċċa. Ser ikun hemm irtir għas-saċerdoti u r-reliġjużi, laqgħat mat-tfal u l-ġenituri tagħhom, mal-adolexxenti, maż-żgħażagħ, mal-għarajjes u l-ġenituri tagħhom, laqgħat mal-familji, man-nanniet, mal-anzjani, mal-Kattoliċi ta' nazzjonijiet oħra, u żjajjar lill-morda. Għal dan il-għan qiegħed jitħejja programm ma' kull wieħed mill-kappillani tagħkom.

Minn qalbi nixtieq inħeġġiġkom ilkoll biex titolbu flimkien miegħi biex minn din il-Viżta Pastorali joħroġ il-ġid spiritwali u materjali għall-komunitajiet parrokkjali tagħna. Nixtieq li kull parroċċa tpoġġi l-Viżta Pastorali tagħha taħt il-protezzjoni tal-Qaddis Patrun jew Qaddisa Patruna tagħha.

Nixtieq fl-aħħar nett nistieden lill-Arċipriet u l-Kappillani kollha, flimkien mas-saċerdoti, ir-reliġjużi rġiel u nisa, il-lajċi kkonsagrati u l-lajċi membri tal-għaqdiet kollha tal-parroċċi, biex ikunu preżenti għall-Pontifikal Solenni li ser nagħmlu nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru, fis-6.00pm, fil-Katidral tal-Assunta, biex niftħu uffiċjalment il-Viżta Pastorali Djoċesana 2024-2025.

Nagħtikom il-Barka tiegħi.

Mogħtija llum, 16 ta' Settembru 2024, il-160 Anniversarju mit-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex, mill-Kurja Veskovili, il-Belt Victoria.

Mons. Edward Zammit
Kanċillier

✠ Anton Teuma
Isqof ta' Għawdex

X'inhi Viżta Pastorali?



Il-Viżta Pastorali li se jagħmel l-Isqof Anton Teuma bejn Ottubru 2024 u Mejju 2025 hija l-ewwel waħda minn kemm ilu Isqof ta' Għawdex, u t-32 waħda minn kemm ilha mwaqqfa d-Djoċesi (1864).

It-tema magħżula għall-Viżta hi *"U daħal joqgħod magħhom" (Lq 24:29)*, silta oħra mill-ġrajja tal-laqgħa ta' Ġesù mad-dixxipli ta' Għemmaws wara l-Qawmien mill-imwiet, li minnha hu meħud il-motto tal-Isqof u fuqha nbnew ukoll it-temi tal-Pjanijiet Pastorali Djoċesani fl-aħħar snin. Billi l-Viżta se tikkonċidi wkoll mal-Ġublew Ordinarju ċċeleberat universalment fl-2025, bit-tema *Pellegrini tat-tama*, hija wkoll okkażjoni biex titwassal din l-aħbar ta' tama lill-familji Nsara Għawdxin.

Il-Viżta hija żjara li l-Isqof Djoċesan jagħmel lill-parroċċi u l-komunitajiet Kattoliċi fit-territorju djoċesan, bl-għan li jistħarreġ il-qagħda tagħhom u jwettaqhom fil-ħajja tal-fidi u l-ħidma tagħhom ta' evanġelizzazzjoni.

Għal dan il-għan ukoll, fix-xhur tas-sajf intbagħat kwestjonarju lill-kappillani, sabiex it-tagħrif miġbur ikun ta' għajnuna għall-Isqof u l-Kummissjoni li se takkumpanjah fiż-żjajjar fil-parroċċi.

It-tħabbira uffiċjali tal-Viżta b'Ittra Pastorali tal-Isqof nhar l-Ħadd 22 ta' Settembru hi segwita mill-Quddiesa Solenni tal-ftuħ, immexxija mill-Isqof fil-Katidral tal-Assunta, il-Ħadd 29.

Iż-żjajjar fil-15-il parroċċa tad-Djoċesi ta' Għawdex u f'xi rettorji se jsiru, waħda kull ġimgħa, bejn is-6 ta' Ottubru u l-24 ta' Mejju, b'waqfiet għaż-żminijiet liturġiċi qawwija tal-Avvent, il-Milied, ir-Randan u l-Għid.

Qabel kull żjara f'parroċċa, bħala stedina se titqassam bieb bieb kopja tal-Vanġelu ta' San Luqa (Bibbja Saydon), kif ukoll isir talb fil-komunitajiet għall-frott spiritwali tagħha. Bi tħejjija iktar prossima, fil-jiem immedjati ta' qabel tiġi ċċelebrata Velja u lejl ta' adorazzjoni Ewkaristika fil-Knisja parrokkjali.

F'kull parroċċa, il-Viżta tiftaħ b'Quddiesa l-Ħadd filgħodu u tagħlaq b'oħra s-Sibt ta' wara filgħaxija. Matul dik il-ġimgħa, barra ċelebrazzjonijiet oħra ta' quddies, ikun hemm laqgħat tal-Isqof u d-delegati tiegħu mal-Presbiterju Parrokkjali, l-Istituti Reliġjużi preżenti f'dik il-komunità, kif ukoll mal-organi prinċipali bħalma huma l-Kunsill Pastorali Parrokkjali, il-Kunsill Ekonomiku, il-Grupp Liturġiku, il-Grupp tad-Djakonija, u l-Kumitati l-oħra rispettivi, kif ukoll ma' realtajiet pastorali involuti fil-missjoni tal-Knisja u fl-appostolat, fosthom l-animaturi liturġiċi u dawk tal-gruppi, il-katekisti, kif ukoll voluntiera oħra fi ħdan il-parroċċi.

L-Isqof isib il-ħin ukoll jiltaqa' mad-diversi membri tal-parroċċa waqt il-laqgħat tagħhom, kif ukoll jagħmel żjajjar lill-morda u l-anzjani, waqt li jkun hemm ħin disponibbli għal kollokji personali.

Il-Viżta, kif hu mitlub mil-Liġi tal-Knisja, tinvolvi wkoll l-eżaminazzjoni tal-Arkivju Parrokkjali, il-proprjetajiet, l-opri tal-arti, l-oġġetti sagri u oħrajn li jappartienu lill-Parroċċa, kif ukoll is-superviżjoni tar-reġistri, il-kotba liturġiċi u l-kontijiet finanzjarji.

Wara l-Viżta, li tiġi ddokumentata b'Rapport dettaljat, issir evalwazzjoni kemm mal-Kappillan, il-Presbiterju u l-Kunsill Parrokkjali, imma wkoll mill-kummissjoni li tkun wettqitha, li l-frott tagħha jiġi kkomunikat lil kull parroċċa f'ittra mibgħuta mill-Isqof.



B'dan kollu, "il-Viżta Pastorali tidher bħala dak li tabilħaqq hi: **sinjal tal-preżenza tal-Mulej li jżur fis-sliem lill-poplu tiegħu**" (Ġwanni Pawlu II, *Pastores gregis*, 46).

Il-Motto u l-Logo tal-Viżta



U daħal joqgħod
magħhom

VIŻTA PASTORALI | GĦAWDEX 2024 - 2025

Il-logo tal-Viżta Pastorali jibni fuq dak tal-Pjanijiet Pastorali preċedenti fid-Djoċesi ta' Għawdex, dejjem f'kontiwazzjoni mal-motto episkopali tal-Isqof Anton Teuma: *"U baqa' miexi magħhom" (Lq 24:15)*.

Ġesù jidher fin-nofs miexi jiddjaloga maż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws, irrappreżentati mill-figuri ta' mara u raġel. Fl-isfond warajhom jidher disinn sempliċi li jevoka t-tliet għoljiet tal-Arma ta' Għawdex, għax il-Mulej irid li jimxi wkoll mad-dixxipli tiegħu f'din il-ġżira.

Il-kelmiet *"U daħal joqgħod magħhom" (Lq 24:29)* għal din is-Sena Pastorali tal-Viżta jkomplu jibnu fuq dawk tal-Pjanijiet Pastorali Djoċesani li għaddew, dejjem mill-istess ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws:

2021-2022: *"X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?" (Lq 24:17)*, iddedikata lill-eżami tal-kuxjenza kif mitluba mis-Segreterija tas-Sinodu;

2022-2023: *"U beda jfissrilhom kulma kien hemm fuqu fl-Iskrittura" (Lq 24:27)*, iddedikata għas-smigħ tal-Kelma;

2023-2024: *"Ibqa' magħna, Mulej" (Lq 24:29)*, iddedikata għat-talb u għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Imnebbħa mill-kliem tal-Vanġelu li jirrakkonta kif Ġesù daħal għand id-dixxipli ta' Għemmaws biex jurihom lilu nnifsu fil-Qsim tal-Ħobż, matul din is-Sena Pastorali l-Knisja f'Għawdex qed tagħmel enfasi fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-Quddiesa, biex l-Insara japprezzaw iktar il-misteru kbir tal-Preżenza ħajja ta' Kristu fostna f'dan is-Sagrament ta' mħabbtu.

Kalendarju taż-żjajjar

	DATA	PARROĊĊA
1	Il-Ħadd 06 – Is-Sibt 12 ta' Ottubru	Parroċċa Munxar
2	Il-Ħadd 13 – Is-Sibt 19 ta' Ottubru	Parroċċa Ta' Kerċem
3	Il-Ħadd 20 – Is-Sibt 26 ta' Ottubru	Parroċċa Katidral, Victoria
4	Il-Ħadd 03 – Is-Sibt 09 ta' Novembru	Parroċċa San Ġorġ, Victoria
5	Il-Ħadd 10 – Is-Sibt 16 ta' Novembru	Parroċċa Ta' Sannat
6	Il-Ħadd 24 – Is-Sibt 30 ta' Novembru	Parroċċa Xagħra
	Avvent – Milied	
7	Il-Ħadd 12 – Is-Sibt 18 ta' Jannar	Parroċċa Nadur
8	Il-Ħadd 19 – Is-Sibt 25 ta' Jannar	Parroċċa Xewkija
9	Il-Ħadd 02 – Is-Sibt 08 ta' Frar	Parroċċa Fontana
10	Il-Ħadd 09 – Is-Sibt 15 ta' Frar	Parroċċa Għajnsielem
11	Il-Ħadd 16 – Is-Sibt 22 ta' Frar	Parroċċa San Lawrenz
12	Il-Ħadd 23 – Is-Sibt 01 ta' Marzu	Parroċċa Għarb
	Randan – Għid	
13	Il-Ħadd 4 Mejju – Is-Sibt 10 ta' Mejju	Parroċċa Għasri
14	Il-Ħadd 11 – Is-Sibt 17 ta' Mejju	Parroċċa Żebbuġ
15	Il-Ħadd 18 – Is-Sibt 24 ta' Mejju	Parroċċa Qala

Il-Vanġelu ta' San Luqa

Bi tħejjija għall-Viżta Pastorali fil-Parroċċa tiegħek, qed tasallek fid-dar tiegħek kopja tal-Vanġelu skont San Luqa, li hu l-Vanġelu tal-Ġublew li jipproklama "sena tal-grazzja tal-Mulej", aħbar tajba ta' ħniena u tama. Hu l-impenn li matul is-Sena Liturġika 2024-2025, li matulha fil-Ħdud jinqraw siltiet minnu, taqra dan il-Vanġelu biex issir iktar midħla tal-Aħbar it-tajba ta' Ġesù, li hi għalik illum!



Talba għall-Viżta Pastorali



O Ġesù, ix-xewqa tiegħek li toqgħod magħna wasslitek biex issir bniedem bħalna. U meta waslet is-siegħa tiegħek int ħabbejtna tant li għażilt li tibqa' magħna fil-Ħobż u fl-Inbid.

F'din is-sena tal-Ġublew, iftħilna qalbna biex nilqgħu ż-Żjara tiegħek fil-komunità parrokkjali tagħna. Kun il-faraġ tal-morda u tal-imnikktin, u l-wens tal-anzjani. Ieqaf mal-familji li għaddejjin minn diffikultajiet ta' relazzjonijiet, mard gravi jew mewt. Agħti qawwa u kuraġġ lill-ġenituri fil-ħidma diffiċli tat-trobbija. Ħares lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ minn kulma jista' jgħarrqilhom ħajjithom. Kompli agħti qalb kbira lis-saċerdoti tagħna biex jissoktaw iwassluk fostna bi kliemhom u b'ħajjithom.

Għall-interċessjoni ta' Ommok Marija (u tal-qaddis/a tagħna), agħtina li nilqgħu u napprezzaw dejjem aktar din l-għotja tiegħek għalina fl-Ewkaristija.

Ammen.

DJOĊESI TA' GĦAWDEX



U daħal jogħod magħhom

VIŻJA PASTORALI | GĦAWDEX 2024 - 2025